MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 301/2008

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn dan, wara li ppremetta:

Peress illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta’ Novembru tas-sena elf disa’ mija sebgha u disghin (1997), liema zwieg kien gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru ta’ registrazzjoni elfejn u erbgha tas-sena elf disa’ mija sebgha u disghin (2004/1997) u dan kif jindika c-certifikat anness bhala Dokument “A”;

Peress illi l-kunsens kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg Art. 19 (1) (d) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg Art. 19 (1) (f) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi tant kemm dan iz-zwieg ma kellux isehh illi l-partijiet isseparaw fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007) permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' u dana wara li ottjenew id-digriet tal-Qorti Civili fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007);

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara illi z-zwieg kontratatt bejn il-partijiet fit-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) huwa null ai termini tal-Artiklu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez.

Il-konvenuta hija ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, C D ghazlet li ma twegibx ghall-kawza. Madanakollu xehedet bil-procedura tal-affidavit.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fl-1997 u qatt ma kellhom ulied. Isseparaw fl-2007. L-gherusija taghhom kienet fil-fatt wahda twila, pero' dan fiz-zmien biss. Ir-raguni ghal dan kienet li ftit wara l-bidu tal-gherusija, ir-rikorrenti impenja lilu nnifsu b'ruhu u gismu f'negozju gdid u ftit wara, b'zieda ma' dan b'attivita' impenjattiva ferm fi hdan partit politiku. Iz-zewg attivitajiet rikbuh b'tali mod li lanqas halla lilu nnifsu jahseb dwar ir-relazzjoni li kien beda u kif kienet qed tizviluppa. L-gharusa lludiet ruhha li, galadarba jkunu mizzewgin, l-affarijiet jinbidlu. Sadanittant, l-interessi taghha kienu bdew jinfirxu ukoll. Bhal hafna drabi, ma nbidel xejn. Dak li kien eskluz mir-relazzjoni qabel iz-zwieg baqa' hekk eskluz, u aktar, wara z-zwieg.

Ir-rikorrenti f'din il-kawza isejjes it-talba tieghu fuq zewg kawzali, senjatament id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u ukoll l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg. Il-Qorti tiskarta immedjatament l-ewwel kawzali. Ma ngabet ebda prova lilha li l-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet kien hekk vizzjat kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru, 1995):

"*Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.*"

Ir-rikorrenti pero' isostni ukoll li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg a tenur tal-Art. 19 (1) (f) tal-Kap. 255. F'dan il-kuntest, il-Qorti tibda biex ittenni dak li sostniet il-Qorti fil-kawza "**Marita**

**Schembri vs Emmanuel Schembri**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fid-9 ta' April, 2003):

"*Illi ghalkemm il-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.*"

Kif ukoll fil-kawza "**Dr Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-14 ta' Awwissu, 1995):

"*Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali).*"

Kif ukoll dak li sostniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Raymond Cassar vs Anne Cassar nee' Busuttil**", (deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2004):

"*Biex l-attur jirnexxielu jipprova din l-allegazzjoni huwa necessarju ghalih li jressaq provi konkreti u sufficjenti, li jissodisfaw debitament il-Qorti li, fuq bilanc ta' probabilitajiet, it-tezi tieghu tirrispekkja l-verita'. Semplici suspetti jew suppozizzjonijiet u kongetturi, ma humiex bizzejjed biex igibu fix-xejn il-prezunzjoni li l-kuntratt taz-zwieg li sar bejn il-partijiet sar validament. Fi kliem iehor, l-attur hu obbligat li jipprova sodisfacentement li fil-mument li l-konvenuta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, hija ghamlet dan semplicement b'mod biss estern, apparenti u formali. Huwa obbligat li jipprova ukoll li l-konvenuta, <u>b'att pozittiv tal-volonta' taghha</u>, fil-verita' cahdet totalment li taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg (simulazzjoni totali)*

*jew almenu cahdet li taghti l-kunsens matrimonjali taghha billi b'att pozittiv tal-volonta' taghha eskludiet a priori xi element essenzjali tal-hajja mizzewga (simulazzjoni parzjali). Jekk l-attur ma jaghmilx din il-prova b'mod sodisfacenti fuq bilanc ta' probabilitajiet, allura t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg in kwistjoni ma tkunx tista' tintlaqa' billi actore non probante reus absolvitur.*"

Imbaghad fil-kawza "**Theresa Taguri nee' Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru 1999):

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.*"

Il-Qorti ghalhekk tqis li c-cirkostanzi ta' din l-unjoni kif meqjusa fid-dawl tal-insenjament fuq citat jaghtu lok ghall-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet ma kienx validament kontrattat.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-8 ta' Novembru 1997 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------